MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2006

Numru 1046/2004

Il-Pulizija
(Sp Norbert Ciappara)
vs
Andrew Pisani, iben Joseph,
imwieled Pieta' fis-6 ta' mejju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fis-27 ta' ġunju, 2006 u fil-ġranet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċieva mingħand xi persuna jew kellu fil-kustodja tiegħu biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess huma falsifikati u cioe' instab li kellu fil-pussess tiegħu biljett ta' flus ta' għaxar liri falsifikati, liema biljett tal-flus kien jaf li hu falsifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta’ novembru, 2005 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-liġijiet ta’ Malta;
b. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ jannar, 2006 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ jannar, 2006 fejn l-imputat ammetta li kellu fil-pussess tiegħu l-bakonota falsifikata.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li kellu fil-pussess tiegħu din il-bankonota falsifikata. Rat l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat
dwar il-piena. Illi jidher ċar mill-provi prodotti li hawn lok għal tnaqqis sostanzjali tal- piena. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt
il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Billi ma nħatar ebda espert mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------